MALTA

ATT Nru. I ta' l-1986

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1967 dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jipprovdu Ikel.

ACT No. I of 1986

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Hotels and Catering Establishments Act, 1967.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) AGATHA BARBARA
President

17 ta' Jannar, 1986

ATT Nru. I ta' l-1986

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1967 dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jipprovdu Ikel.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' 1986 li jemenda l-Att dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jipprovdu Ikel, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1967 dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jippovdu Ikel, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Att Nru XII ta' l-1967

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għat-turiżmu jista' jistabbilixxi, b'avviż fil-Gazzetta.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

2. L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-tifsira ta' "alloġġjant" minnufih wara l-kliem "f'lukanda" għandhom jidħlu l-kliem "jew f'*hostel*"; u

(b) minnufih wara t-tifsira ta' "liċenza" għandhom jidħlu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "*hostel*" tfisser kull bini jkun kif ikun deskritt iżda mhux lukanda, *guest house* jew alloġġ. li fih jkun provdut alloġġ lill-aloġġjant bi ħlas, u li fih il-faċilitajiet offerti jkunu inqas minn dawk li soltu wieħed jistenna li jsibhom f'lukandi jew f'*guest houses;*

"diriġent ta' *hostel*" tfisser kull persuna li tkun inħarġet liċenza għaliha skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att biex iżżomm jew tidderieġi *hostel* u tinkludi kull persuna li lilha tkun ġiet trasferita liċenza legalment skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 6 ta' dan l-Att;".

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

3. L-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikoli (1), (3) u (4) tiegħu minflok il-kliem "lukanda jew stabbiliment li jipprovdi ikel" kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "lukanda, *hostel* jew stabbiliment li jipprovdi ikel"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1A) Liċenza biex tinżamm *hostel* tista' tingħata mill-Bord lil kull persuna dwar kull bini fejn il-livell ta' kumdità u alloġġ provdut lill-alloġġjanti jkun iktar baxx minn dak li normalment ikun provdut lill-alloġġjanti f'lukandi jew *guest houses* u fejn —

(i) il-faċilitajiet provduti huma prinċipalment minsuba għal żgħażagħ studenti jew kategorija speċjali oħra ta' persuni li jivvjaġġaw b'*budget* baxx, u

(ii) l-alloġġ provdut jista' jkun provdut f'dormitorju jew fi kmamar oħra bħal dawn b'ħafna sodod.".

Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

4. Fl-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "lukanda jew stabbiliment li jipprovdi ikel" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "lukanda, *hostel* jew stabbiliment li jipprovdi ikel".

Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

5. Fl-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "lukanda jew stabbiliment li jipprovdi ikel" li hemm fis-subartikolu (1) tiegħu u "lukanda jew stabbiliment li jipprovdi ikel" li hemm fis-subartikolu (2) tiegħu, għandhom jidħlu rispettivament il-kliem "lukanda, *hostel* jew stabbiliment li jipprovdi ikel" u "lukanda, *hostel* jew stabbiliment li jipprovdi ikel".

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

6. L-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "lukanda jew stabbiliment li jipprovdi ikel" u "lil-lukandier jew lid-diriġent ta' l-istabbiliment li jipprovdi ikel" għandhom jidħlu rispettivament il-kliem "lukanda, *hostel* jew stabbiliment li jipprovdi ikel" u "lil-lukandier, lid-diriġent ta' *hostel* jew lid-diriġent ta' l-istabbiliment li jipprovdi ikel";

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu minflok il-kliem "il-lukandier jew id-diriġent ta' stabbiliment li jipprovdi ikel" u "għal-lukanda jew għall-istabbiliment li jipprovdi ikel" għandhom jidħlu rispettivament il-kliem "il-lukandier jew id-diriġent ta' *hostel* jew id-diriġent ta' stabbiliment li jipprovdi ikel" u "għal-lukanda, għall-*hostel* jew għall-istabbiliment li jipprovdi ikel"; u

(ċ) fis-subartikolu (5) tiegħu minflok il-kliem "lil-lukandier" għandhom jidħlu l-kliem "lil-lukandier, lid-diriġent ta' *hostel*".

Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

7. L-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Ebda kumpannija ma għandha tħaddem lukanda, *hostel* jew stabbiliment li jipprovdi ikel kemm-il darba dik il-lukanda, *hostel* jew stabbiliment li jipprovdi ikel ma jkunx dirett minn lukandier, minn diriġent ta' *hostel* jew minn diriġent ta' stabbiliment li jipprovdi ikel, skond il-każ.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "Meta lukanda" u l-kliem "dik il-lukanda" għandhom jidħlu rispettivament il-kliem "Meta lukanda, *hostel*" u "dik il-lukanda, *hostel*"; u

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu minflok il-kliem "li tagħmilha bħala lukandier jew diriġent ta' stabbiliment li jipprovdi ikel, skond il-każ, tal-lukanda jew stabbiliment li jipprovdi ikel" għandhom jidħlu l-kliem "li tagħmilha bħala lukandier, diriġent ta' *hostel* jew diriġent ta' stabbiliment li jipprovdi ikel, skond il-każ, tal-lukanda, *hostel* jew stabbiliment li jipprovdi ikel".

8. L-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "il-lukandi u l-istabbilimenti li jipprovdu ikel" u "lukanda jew stabbiliment li jipprovdi ikel" għandhom jidħlu rispettivament il-kliem "l-lukandi, l-*hostels* u l-istabbilimenti li jipprovdu ikel" u "lukanda, *hostel* jew stabbiliment li jipprovdi ikel";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "lukanda jew stabbiliment li jipprovdi ikel" għandhom jidħlu l-kliem "lukanda, *hostel* jew stabbiliment li jipprovdi ikel"; u

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu minflok il-kliem "Kull min, bil-miktub, jagħmel reklam dwar jew xort'oħra juri lukanda jew stabbiliment li jipprovdi ikel bħala li jkun ta' kategorija għola" għandhom jidħlu l-kliem "Kull min, bil-miktub, jagħmel reklam dwar jew xort'oħra juri stabbiliment bħala lukanda, *hostel* jew stabbiliment li jipprovdi ikel meta dak l-istabbiliment ma jkollux liċenza mill-Bord jew jekk ikollu dik il-liċenza, hekk jagħmel reklam dwar jew juri stabbiliment bħala li jkun ta' kategorija ogħla".

9. Fl-artikolu 9A ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "Meta ukanda" u l-kliem "lil-lukanda jew" għandhom jidħlu rispettivament l-kliem "Meta lukanda jew *hostel*" u "lil-lukanda jew lill-*hostel*, jew". Emenda ta' l-artikolu 9A ta' l-Att prinċipali.

10. L-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Meta jkun jidher lill-Bord, wara dak l-istħarriġ li jidhirlu xieraq, li lukanda, *hostel* jew stabbiliment li jipprovdi ikel ma jkunx qed jiġi miżmum jew dirett b'mod konformi għall-grad ta' lukanda, *hostel* jew stabbiliment li jipprovdi ikel tal-kategorija li fiha dik il-lukanda, *hostel* jew stabbiliment li jipprovdi ikel ikun klassifikat skond id-dispożizzjonijiet ta' xi regolamenti magħmula skond dan l-Att, il-Bord jista', wara li jagħti avviż dwar hekk lil-lukandier, lid-diriġent ta' *hostel* jew lid-diriġent ta' l-istabbiliment li jipprovdi ikel, skond il-każ, ineħħi l-isem ta' dik il-lukanda, tal-*hostel* jew ta' l-istabbiliment li jipprovdi ikel minn dik il-kategorija u jqegħdu f'kategorija aktar baxxa."; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "lukanda jew ta' stabbiliment tali li jipprovdi ikel" u "lil-lukandier jew lid-diriġent ta' l-istabbiliment li jipprovdi ikel" għandhom jidħlu rispettivament il-kliem "dik il-lukanda dak il-*hostel* jew dak l-istabbiliment li jipprovdi ikel" u "lil-lukandier, lid-diriġent ta' *hostel* jew lid-diriġent ta' stabbiliment li jipprovdi ikel".

Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

11. L-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "lukanda jew għal stabbiliment li jipprovdi ikel" li hemm fis-subartikolu (2) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "lukanda, jew għal *hostel* jew għal stabbiliment li jipprovdi ikel"; u

(b) minflok il-kelma "lukandier" li hemm fis-subartikolu (3) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "lukandier, diriġent ta' *hostel*".

Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

12. Fl-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "lukanda jew ta' stabbiliment li jipprovdi ikel" li hemm fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu u minflok il-kliem "il-lukandier jew id-diriġent ta' l-istabbiliment li jipprovdi ikel" li hemm fis-subartikolu (4) tiegħu għandhom jidħlu rispettivament il-kliem "lukanda, ta' *hostel* jew ta' stabbiliment li jipprovdi ikel" u "il-lukandier, id-diriġent ta' *hostel* jew id-diriġent ta' l-istabbiliment li jipprovdi ikel".

Emenda ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali.

13. Fl-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali minflok il-kelma "lukandier" kull fejn tinsab għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "lukandier jew diriġent ta' *hostel*".

Emenda ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali.

14. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "lukanda jew stabbiliment li jipprovdi ikel" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "lukanda, *hostel* jew stabbiliment li jipprovdi ikel".

Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

15. Fl-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "lukandi u stabbilimenti li jipprovdu ikel" kull fejn jinsabu u minflok il-kliem "lukandier jew minn diriġent ta' stabbiliment li jipprovdi ikel" għandhom jidħlu rispettivament il-kliem "lukandi, *hostels* u stabbilimenti li jipprovdu ikel" u "lukandier, minn diriġent ta' *hostel* jew minn diriġent ta' stabbiliment li jipprovdi ikel".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali.

16. Minflok l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Dritt ta' ritenzjoni.

16. Lukandier u diriġent ta' *hostel* ikollu d-dritt li jżomm kull ħaġa li alloġġjant iġib fil-lukanda jew fil-*hostel* u li tkun fil-pussess tal-lukandier jew tad-diriġent tal-*hostel* sakemm dak l-alloġġjant ikun ħallas ir-rati mitluba legalment mil-lukandier jew mid-diriġent tal-*hostel*, skond il-każ.".

Emenda ta' l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali.

17. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "illi lukanda jew stabbiliment li jipprovdi ikel", "dik il-lukanda jew dak l-istabbiliment li jipprovdi ikel", "dik il-lukanda jew dak l-istabbiliment li jipprovdi ikel" u "tal-lukanda jew ta' l-istabbiliment li jipprovdi ikel" għandhom jidħlu rispettivament il-kliem "illi lukanda, *hostel* jew stabbiliment li jipprovdi ikel", "dik il-lukanda, dak il-*hostel*, jew dak l-istabbiliment li jipprovdi ikel", "dik il-lukanda, dak il-*hostel* jew dak l-istabbilment li jipprovdi ikel" u "tal-lukanda, tal-*hostel* jew ta' l-istabbiliment li jipprovdi ikel".

Tħassir tat-Taqsima IV ta' l-Att prinċipali.

18. It-Taqsima IV ta' l-Att prinċipali hi b'dan imħassra.

Żieda ta' artikolu ġdid 19 ma' l-Att prinċipali.

19. Minnufih wara l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Att ta' l-1957 dwar il-*Probation* ta' Ħatjin, ma japplikax.

19. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1957 dwar il-*Probation* ta' Ħatjin ma japplikawx dwar reati taħt l-artikoli 4, 8, 9, 11, 13, u 14 ta' dan l-Att u dwar xi ksur ta' xi regolament magħmul taħt l-artikolu 15 ta' dan l-Att.".

Att Nru. XII ta' l-1957

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 315 tat-13 ta' Jannar, 1986.

DANIEL MICALLEF
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati